**Is-Sibt**

**Ir-Raba' ġimgħa tas-salterju**

## L-EWWEL GĦASAR

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

### INNU

1.
Riesaq il-lejl, Mulejja,
bil-wegħda tal-mistrieħ;
ġa beda s-sema jħammar
fi nżul ix-xemx sabiħ!

2.
Dalwaqt jixirfu l-kwiekeb
filgħoli tas-smewwiet;
dalwaqt il-ħajja torqod,
kull ħoss imut fis-skiet.

3.
Inti, li dejjem tgħammar
fis-sebħ ta' jum bla tmiem,
fid-dlam tal-lejl ħarisna,
xerred fi qlubna s-sliem.

4.
Jagħtuk kull ġieħ il-ħlejjaq,
Mulej, għax int ħanin,
u tridna lkoll madwarek
fix-xirka tal-henjin. Amen.

### SALMODIJA

Ant. 1 Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm.

### Salm 121 (122)

Fraħt meta qaluli: *
"Sejrin f'dar il-Mulej!"
Diġà qegħdin riġlejna *
fi bwiebek, Ġerusalemm!

Ġerusalemm mibnija bħal belt, *
magħquda ħaġa waħda.
Lejha t-tribù jitilgħu, *
it-tribù tal-Mulej,

biex, skond il-liġi ta' Iżrael, *
ifaħħru isem il-Mulej.
Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq, *
it-tronijiet tad-dar ta' David.

Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm: *
"Ħa jkollhom is-sliem dawk kollha li jħobbuk!
Ħa jkun hemm is-sliem ġewwa l-ħitan tiegħek, *
u l-ġid fil-palazzi tiegħek."

Minħabba ħuti u ħbiebi, *
ħallini ngħidlek: "Is-sliem għalik!"
Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna, *
nixtieq illi jkollok il-ġid.

Ant. Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm.
Ant. 2 Minn sbiħ il-jum sa ma jidlam, jien lill-Mulej nistenna.

**Salm 129 (130)**

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej: *
isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa, *
jiena u nitolbok bil-ħniena.

Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej, *
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra, *
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek.

Jien lill-Mulej nistenna, *
ruħi f'kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi, *
aktar milli l-għassiesa s-sebħ.

Aktar milli l-għassiesa s-sebħ, *
jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba, *
u l-fidwa għandu bil-kotra.
Hu jifdi lil Iżrael *
minn ħtijietu kollha.

Ant. Minn sbiħ il-jum sa ma jidlam, jien lill-Mulej nistenna.

Ant. 3 Fl-isem ta' Ġesù, sew fis-sema sew fl-art, kulħadd jinżel għarkubbtejh, hallelujah.

**Kantiku (Fil 2,6-11)**

Ġesù Kristu, li kellu n-natura ta' Alla, *

ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,
imma tneżża' minn kollox, billi ħa n-natura ta' lsir, †
sar jixbah lill-bniedem *
u deher minn barra bħala bniedem:
ċekken lilu nnifsu, †
billi obda sal-mewt, *
anzi sal-mewt tas-salib.

Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, *
u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem,
biex fl-isem ta' Ġesù, †
fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art, *
il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkubbtejhom,
u kull ilsien jistqarr: †
"Ġesù Kristu hu l-Mulej *
għall-glorja ta' Alla l-Missier."

Ant. Fl-isem ta' Ġesù, sew fis-sema sew fl-art, kulħadd jinżel għarkubbtejh, hallelujah.

**LEZZJONI QASIRA 2 Pt 1,19-21**

Għandna kliem il-profeti, li hu ta' l-ikbar qawwa. Tagħmlu tajjeb jekk tħarsu lejn dan bħal lejn fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalbkom titla' l-kewkba ta' filgħodu. Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, * Ikun imfaħħar isem il-Mulej. Minn tlugħ.
V. Ogħla mis-smewwiet hu sebħu, * Ikun imfaħħar isem il-Mulej. Glorja. Minn tlugħ.

Ant. tal-kantiku ta' Marija: Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kantiku ta' Marija: Dawwal, Mulej, lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt.

**PREĊI**

Kristu huwa l-ferħ ta' dawk kollha li jittamaw fih. Nitolbuh b'qalbna qawwija:
*Mulej, ħares lejna u ismagħna.*
Inti x-xhud fidil, il-kbir fost il-mejtin, li ħallejtna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmek:
- agħmel li nżommu ħajja t-tifkira ta' l-għeġubijiet tiegħek.
Ieqaf ma' dawk li sejjaħtilhom biex ixandru l-Evanġelju tiegħek:
- agħtihom il-qawwa u l-fedeltà fil-ħidma tagħhom bħala amministraturi tal-misteri tas-saltna tiegħek.
Sultan tas-sliem, ibgħat l-Ispirtu tiegħek biex ikun mal-mexxejja tal-popli:
- dawrilhom għajnejhom lejn il-foqra u l-imsejkna.
Aħseb f'dawk li qegħdin iduqu l-imrar tad-diskriminazzjoni minħabba r-razza, il-lewn, il-qagħda soċjali, l-ilsien jew ir-reliġjon tagħhom:
- agħmel li kulħadd mill-aktar fis jagħraf u jagħtihom il-jeddijiet u d-dinjità li jistħoqqilhom.
Ilqa' f'saltnatek lil ħutna kollha li mietu fi mħabbtek:
- seħibhom fl-hena ta' dejjem flimkien mal-Verġni Marija u l-qaddisin kollha tiegħek.

**Missierna**

**Talba mill-Proprju taż-żmien.**

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**